A.L. 68 ta' l-2003

ATT TA' L-2002 DWAR IS-SIGURTÀ TA' L-IKEL (ATT Nru. XIV TA' L-2002)

Regolamenti ta' l-2003 dwar Xaħmijiet u Żjut li Jittieklu

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa għamel ir-regolamenti li ġejjin:

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar Xaħmijiet u Żjut li Jittieklu. Titolu.

2. F' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort' oħra - Tifsir.

"ikel" tfisser ikel għall-konsum tal-bniedem;

"tbigħ" tinkludi toffri, tesponi, tirreklama jew ikollok għall-bejgħ u tforni b' kumpens jew xort' oħra;

"xaħmijiet u żjut li jittieklu" tfisser ikel kompost minn gliċeridi ta' aċidi xaħmin ta' oriġini veġetali, mill-annimali jew mill-baħar, irrispettivament jekk l-ikel imsemmi ikunx fih ammonti żgħar ta'-

(a) lipidi oħra inklużi fosfatidi;

(b) kostitwenti li ma jistgħux jinbidlu f'sapun, jew

(ċ) aċidi xaħmin mhux kombinati ma' elementi oħra preżenti b' mod naturali f' dak l-ikel imsemmi.

3. (1) Ebda persuna ma tista' , fil-manifattura jew preparazzjoni ta' xi ikel għall-bejgħ, tuża xi xaħam jew żejt kemm-il darba dak ix-xaħam jew żejt ma jkunx: Użu, importazzjoni u bejgħ ta' xaħmijiet u żjut.

(a) xaħam jew żejt li jista' jittiekel, u jkun jikkonforma f' kull rigward ma' dawn ir-regolamenti, jew

(b) butir jew marġerina, jew

(ċ) ġie valutat kif imiss u, meta awtorizzat kif meħtieġ, skond ir-Regolamenti dwar Ikel Ġdid ta' l-2002. A.L. 346 ta' l-2002.

(2) Ebda persuna ma tista' tbigħ ikel li jkun manifatturat jew preparat bi ksur tas-subregolament (1).

(3) Ebda persuna ma tista' timporta jew tbigħ xi ikel li ma jkunx konformi ma' dawn ir-regolamenti.

Xaħam u żejt li jista' jittiekel u li jinkiseb minn annimali maqtulin.

4. (1) Ebda persuna ma tista' timporta, timmanifattura jew tipprepara xi xaħam jew żejt li jista' jittiekel meħud minn xi annimal maqtul li jkun nstab mill-awtorità kompetenti li ma jkunx tajjeb għall-konsum tal-bniedem.

(2) Ebda persuna ma tista' timporta lardu, sugu ta' laħam mixwi, xaħam ta' dam li jista' jittiekel jew xaħmijiet ta' l-annimali li jkunu saru b' mod simili jekk flimkien ma' kull konsenja tagħhom ma jkunx hemm dokumenti għas-sodisfazzjon tas-Suprentendent tas-Saħħa Pubblika li jkunu juru b' mod partikolari -

(a) li l-kontenut tal-konsenja li d-dokumenti jirreferu għaliha kien ġej minn annimali li kienu spezzjonati fil-pajjiż ta' l-oriġini kemm qabel kemm wara l-qtil u li dawn kienu nstabu ħielsa minn kull mard fil-waqt tal-qtil; u

(b) li l-preparazzjoni, l-ipproċessar, l-ippakkjar u l-ttikkettjar ta' dak il-kontenut sar b' dawk il-prekawzjonijiet u b'dawk il-materjal u tagħmir u b' dak il-mod li neħħa kull periklu għas-saħħa.

Xaħam u żejt li jista' jittiekel imma li ma jistax jinbiegħ, eċċ.

5. Ebda persuna ma tista' tbigħ, jew tuża fil-manifattura jew preparazzjoni ta' xi ikel li jitqiegħed għall-bejgħ, xi xaħmijiet u żjut li jistgħu jittieklu li -

(a) jkollhom riħa jew togħma qarsa;

A.L. 310 ta' l-2001.

(b) jkun fihom xi addittivi ta' ikel li m' humiex permessi bir-Regolamenti ta' l-2001 dwar Addittivi Permessi biex jintużaw ma' l-Ikel jew ma jkunux konformi magħhom;

A.L. 107 ta' l-1995.

(ċ) jkun fihom xi materjal koloranti li ma jkunx jikkonforma mar-Regolamenti ta' l-1995 dwar Kuluri għall-Użu fi Ħwejjeġ ta' l-Ikel ;

Tħassir ta' A.L. 42 ta' l-1977.

6. Ir-Regolamenti ta' l-1977 dwar Xaħmijiet u Żjut ta' l-Ikel, 1977 huma b' dan imħassrin.